MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 63

6 ta' Diċembru 2011

Minuti tas-Seduta Nru. 63 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 6 ta' Diċembru 2011.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.14.2. **(Ref: T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"2.14.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li qed ikun hemm passiġġieri li jilmentaw minħabba t-tul tar-Rotta 102 li tgħaqqad, l-interchange, Selmun, Mellieħa Heights, Ċirkewwa, Manikata, Għajn Tuffieħa, Mġarr u l-Ġnejna. Qed jiġri li xi passiġġieri jirkbu mill-Mellieħa għall-Imġarr jew l-Manikata illi qed jilmentaw li qabel jaslu għad-destinazzjoni tagħhom qed ikollhom imorru ċ-Ċirkewwa. Huwa kompla jgħid li ħafna jistgħu jevitaw dan, kemm-il darba jirkbu mill-bus stop tal-Ħalqun, li jinsab fi Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq Vincenzo Ciappara, minn fejn il-karozza tibqa' sejra direttament lejn il-Manikata. L-istess residenti qed jilmentaw ukoll li tilfu s-servizz dirett lejn il-belt Valletta.".*

1.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna wkoll għall-minuta 16.2. **(Ref: A/6/3/2/Vol 28)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara hekk:

*"16.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg stqarr li huwa ġie avviċinat mis-Sur Twanny Curmi, li lmenta miegħu li ġie mċaħħad milli jagħmel rappreżentazzjonijiet quddiem il-Kunsill dwar aspetti li jolqtu n-negozju tiegħu, partikularment biex tinbena lukanda minflok il-Costa del Sol Restaurant/Lido fil-Bajja tal-Għadira. Huwa staqsa x'inhi l-pożiżżjoni dwar dan.".*

1.3. Is-Sindku rrefera għall-minuta 16.3. u talab li tiġi emendaa kif ġej:

*"1.4. Is-Sindku wieġeb li fost l-ilmenti li qed jagħmel is-Sur Curmi, hemm iż-żamma ta' beach parties kbar, filwaqt li qed jitlob li jkollu aċċess bil-vetturi fuq il-bajja. Is-Sur R. Cutajar qal li daw il-fattur mhux kompatibbli mal-isforzi li qed isiru sabiex din il-bajja togħla għall-istatus ta' Blue Flag. Is-Sindku tenna li s-Sur Curmi qatt ma talab uffiċjalment biex jiltaqa' mal-Kunsill. M'hemm l-ebda problema li meta ssir it-talba din tiġi kkunsidrata bħal f'każijiet preċedenti, ma ndividwi oħra.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 62, bl-emendi proposti aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Rikostruzzjoni ta' Dawret il-Mellieħa (T/3/3/Vol IV)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-laqgħa li ġiet imsejħa minn Transport Malta għas-sidient tan-negozji fit-toroq ewlenin saret fl-24 ta' Novembru 2011 fil-Maritim Hotel Antonin & Spa. Din ġiet indirizzata minnu, kif ukoll mis-Sur Paul Abela -President tal-General Retailers & Traders Union u mis-Sur Charles D'Alfonso minn Transport Malta. Kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier C. Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Is-Sur R. Cutajar qal li l-proposti tal-Kunsill, sabiex Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' *one-way* 'l isfel, ħlief għall-karozzi tal-linja Nru. 41, kif ukoll li jibqa' l-ipparkjar fuq naħa waħda, intlaqgħu u ser jiġu addottati. Is-Sindku kkummenta li l-attendenza mis-sidien tan-negozji kienet fqira.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

2.2.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-istudju msemmi ġie ppreżentat lill-Prim Ministru Dr Lawrence Gonzi, fil-Berġa ta' Kastilja, nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru 2011. Flimkien miegħu kienu preżenti l-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier P. Cutajar. Kopja tal-l-istess studju ġew mgħoddija lis-Segretarji Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu u mill-Kunsilli Lokali l-Onor. Mario De Marco u l-Onor Chris Said, rispettivament. Is-Sur R. Cutajar fakkar li ser isiru preżentazzjonijiet simili lill-Kap tal-Opposizzjoni l-Onor. Joseph Muscat, lill-kelliem tal-Partit Laburista dwar il-Kunsilli Lokali, l-Onor. Stefan Buontempo, kif ukoll lill-għaqdiet tal-Mellieħa.

2.2.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.3.1. Titjib u Tisbiħ bejn il-Blokki fil-Qasam Ta' Pennellu (B/7)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed jitqiegħed il-madum fil-passaġġi.

2.3.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li qrib it-*telephone booth* hemm siġra tal-ficus li jeħtieġ tinżabar billi qed tikkawża nkonvenjent lir-residenti. Is-Segretarju aċċenna wkoll li hemm residenti oħra li qed jilmentaw minn siġra kbira tal-acaccia li kibret tant illi qed tmiss mat-twieqi tal-appartamenti fil-qrib.

2.3.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinżabar is-siġra tal-ficus, filwaqt li dik tal-acaccia titneħħa għal kollox u possibilment titħawwel oħra ndiġina.

### 2.4.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.4.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-23 ta' Novembru 2011 saret laqgħa mal-entitajiet li għandhom is-servizzi għaddejjin minn taħt l-art fi Triq l-Armier. Irriżulta li GO plc talbu li jsiru *ducts* tal-100mm fil-bankina għall-*cables* tat-telefon. Minkejja li ebda rappreżentant mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kien preżenti, intbagħtet korrispondenza lill-istess Korporazzjoni sabiex jiġi kkonfermat bil-kitba dwar jekk huwiex ser jitqiegħed *main* tal-ilma. Sussegwentement il-Kunsill intalab jindika l-kuntrattur li ser ikun responsabbli mix-xogħol *tar-resurfacing*, sabiex il-korporazzjoni toħroġlu ittra ta' aċċettazzjoni bil-għan jsir *main* ġdid. Huwa mistenni li x-xogħol jibda f'Jannar 2012.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar din il-materja.

### 2.5.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saru kuntatti mal-periti nkarigati minn dan il-proġett, illi nfurmawħ li t-tqegħid ta' kjosk tal-injam sabiex iservi ta' uffiċċju informazzjoni għat-turisti, jeħtieġ applikazzjoni sħiħa mal-MEPA u għalhekk ma jgħaddix permezz ta' *Development Notification Notice (DNO).* Is-Sur R. Cutajar ippropona li sakemm ikunu jistgħu jiġu finalizzati il-proċeduri meħtieġa, jistgħu jsiru kuntatti kemm mal-Kappillan, kif ukoll mal-Pulizija bil-għan li tinstilef kamra sabiex tkun tista' taqdi din il-funzjoni, u x-xogħol jibda kif kien ippjanat.

2.5.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

**2.6.1. Wesgħa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mithna l-Gdida (K/6/4/1)**

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li saret laqgħa mal-uffiċjal tal-MEPA li qed jitratta l-applikazzjoni PA 4737/09, fejn ġew iċċarati l-intenzjonijiet tal-Kunsill rigward il-parkeġġ u l-*water features vis-a-vis* il-permess il-permess li diġa nħareġ. Il-MEPA għandha tikkomunika l-eżitu` ta' din il-laqgħa.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Adeżżjoni mal-Patt tas-Sindki (A/4/5/Vol II)**

2.7.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u għarraf illi bejn it-28 u 29 ta' Novembru 2011 huwa kien fi Brussel fejn iffirma l-Patt tas-Sindki flimkien ma' tmien sidki Maltin oħra. Huwa qal li kopja tal-patt, li essenzjalment huwa wiegħda bejn numru ta' kunsilli lokali ewropej sabiex jaħdmu favur il-ħarsien tal-ambjent fil-ħidma rispettiva tagħhom, ser jiġi mgħoddi aktar 'il quddiem.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Periklu b`eskavar ta' sit bejn Triq il-Wied Ta` Ruman u Triq l-Ghar u Casa (P/5/2)**

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fis-26 ta' Novembru 2011 saret laqgħa fi Triq il-Wied ta' Ruman u Triq l-Għar u Casa, li għaliha attendew uffiċjali mid-Dipartiment tal-Pulizija, id-Direttur Ġenerali tat-Taqsima tax-Xogħlijiet il-Perit Raymond Farrugia, l-Inġ Nigel Ellul mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Transport Malta, il-*Contracts Manager* il-Perit J. Attard, il-konsulent legali tal-Kunsill l-Avukat J. Bonello, flimkien miegħu. Fl-istess laqgħa ġiet indikata biċċa art minn fejn huwa maħsub ġej il-periklu kaġunat biċ-ċaqlieq tat-tafal. Billi l-proprjetarji ta' din l-art mhumiex magħrufa, nbdiet proċedura bejn it-Taqsima tax-Xogħlijiet u d-Dipartiment tal-Artijiet bil-għan li jkun jistgħu jittieħdu miżuri ta' sigurta` f'dan is-sit. Dan ikun possibbli permezz ta' procedura msejħa *possession and use* għal perjodu ta' tliet xhur li tidħol fis-seħħ permezz ta' notifika fil-Gazzetta tal-Gvern bl-ordni tal-President tar-Repubblika.

2.8.3. Is-Sur R. Cutajar qal li l-ispejjeż involuti ser tagħmel tajjeb għalihom it-Taqsima tax-Xogħlijiet, filwaqt li l-Pulizija għadhom għaddejjin bl-investigazzjonijiet sabiex jiġu identifikat is-sidien. Il-Perit involut mas-sit li attwalment qed jiġi żviluppat bejn it-toroq imsemmija, qed jallega li ċ-ċaqlieq tat-tafal qed jiġi kkawżat minn *leak* tal-ilma tax-xorb jew tad-drenaġġ.

2.8.4. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-parti l-kbira tal-proprjetarji tal-bini fil-qrib jiġu hemmhekk bħala vileġġjatura, filwaqt li familja waħda toqgħod hemm fuq bażi permanenti. Bħala miżura ta' prekawżjoni huwa ħa passi sabiex din tiġi akkomodata temporanjament f'lukanda fil-Mellieħa. Sad-data tas-seduta, l-istess familja reġgħet irritornat lejn darha.

2.8.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**2.9.1. Tindif volontarju (T/6/Vol III)**

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Ambaxxata tal-Istati Uniti pposponiet it-tindif volontarju li kienu ser jagħmlu l-membri tal-ekwipaġġ ta' bastiment mill-Qawwa Navali tagħhom.

2.9.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Proġett tat-Tunnara (P/4/4/Vol III)**

2.10.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 21.1. tas-seduta preċedenti u nforma lill-Kunsill li l-*Contracts Manager* spezzjona l-binja tal-Batterija ta' Westreme u ndika xogħol li jrid isir b'urġenza, filwaqt li hemm interventi oħra li jirrikjedu l-permess mill-MEPA. Is-Sur R. Cutajar qal li ġie kkuntattjat kuntrattur intiż fuq xogħol ta' restawr li ta stima li tammonta għal €1,000 illi tkopri x-xogħol ta' natura urġenti li jrid isir. Dan wara li saret laqgħa fuq il-post bejn il-kuntratur u l-*Contracts Manager* – il-Perit J. Attard.

2.10.3. Il-Kunsill innota u l-approva l-azzjoni li qed tittieħed.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 06/12/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 15/10/11 – 14/11/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 15/11/11 – 25/11/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 14/11/2011 – 01/12/2011;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Skeda ta' stimi - Puġġaman tal-ħadid għall-belvedere fi Triq Mons. Indri Fenech;
- Skeda ta' stimi - Servizz tal-*audio* b'rabta mal-attivitajiet ta' Milied Mellieħi 2011;
- Abbozz tal-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2012.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Restrizzjoni tat-traffiku f'parti minn Triq Ġnien Ingraw (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Is-Segretarju aċċenna għal ittra datata 29 ta' Novembru 2011 mibgħuta minn resident fi Triq Ġnien Ingraw. Huwa ppropona li din it-triq, bejn Triq l-Għollieqa u Triq is-Santwarju tingħalaq miż-żewġ naħat, li jkunu jistgħu jidħlu fiha biss r-residenti. Dan minħabba li spiss qed tintlaqgħat il-*barrier* li hemm fil-kantuniera ma' Triq is-Santwarju, kif ukoll minħabba l-kolliżjonijiet li qed ikun hemm.

4.1.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li l-*barrier* li twaħħlet f'dan il-post qiegħda fit-triq, preċiż mal-kurduna tal-bankina u għalhekk qed tintlaqgħat spiss. Jidher illi l-problema hija t-traġitt tal-vetturi il-kbar u għalhekk it-triq m'għandiex tingħalaq għal kollox.

4.1.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex il-parti in kwistjoni tiġi ndikata b'tabelli li jipprojbixxu vetturi kbar, liema vetturi jkunu jistgħu jagħmlu użu minn Triq l-Għollieqa. Il-Kunsill qabel ukoll li għandha ssir linja bajda li tindika l-karreġġjata fi Triq l-Għollieqa f'posizzjoni li tippermetti spazju biżżejjed għal dawk il-vetturi li jkunu qed iduru minn Triq is-Santwarju.

### 4.2.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)(A/5/5/Vol V)

4.2.2. Inqrat ittra datata 28 ta' Novembru 2011, mibgħuta mill-Comune di Casalborgone. Din inkitbet mill-Commissario Prefettizio li qed jamministra l-Kunsill Lokali fl-assenza tas-Sindku li ntemmitlu l-kariga tiegħu wara x-xoljiment tal-istess Kunsill. Għal din ir-raġuni l-amministratur għarraf illi l-konferenza li kellha ssir fil-Mellieħa bħala parti mill-Proġett Terra Mirabilis, bejn it-23 u l-25 ta' Frar 2012 ser ikollha tiġi posposta għaliex din ser taħbat mal-elezzjoni tal-Kunsill il-ġdid. Il-Kunsill elett imbagħad ikun jista' jiffissa data meta din tista' issir.

4.2.3. Is-Sindku qal li din il-posizzjoni mhijiex aċċettabbli meta diġa nbdew it-tħejjijiet mill-Kunsill tal-Mellieħa, li diġa daħal għal ċerti *committments*.

### 4.3.1. PA 6329/07 – Estensjoni tal-lukanda Mellieħa Bay (P/5/8/G)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 18 ta' Novembru 2011, mibgħuta mill-MEPA l-estensjoni tal-Mellieha Bay Hotel bi 98 *unit* ieħor, fuq l-art li tinsab ezatt watt wara l-lukanda eżistenti.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jtenni l-oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni peress tinvolvi art xagħri li parti minnha hija skeda bħala żona ta' importanza ekoloġika u xjentifika.

### 4.4.1. Ftehim dwar il-gbir ta' skart reciklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 6 ta' Diċembru 2011, fejn Green MT Ltd ġibdu l-attenzjoni li l-ftehim bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieha u l-Iskema Green MT jiskadi fl-1 ta' Frar 2012. Għalhekk intalbet laqgħa sabiex fiha jiġi ratifikat dan il-ftehim għal perjodu li jagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2012. F'każ li għal xi raguni din il-laqgħa ma tistax iseħħ qabel il-21 ta' Jannar 2012, il-Kunsill għandu jikkonferma bil-miktub li l-Iskema tibqa' għaddejja taħt il-kundizzjonijiet prevalenti sakemm jiġi ratifikat il-ftehim.

4.4.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li għandhom jiġu stabbiliti kuntatti wkoll mal-iskema Green Pak sabiex ikunu jista' jiġi stabbilit liema mit-tnejn huma l-aktar vantaġġjużi.

4.4.4. Wara aktar diskussjonijiet, il-Kunsill qabel li għandu jiġi mġedded il-ftehim ma' Green MT Ltd fuq il-kriterji segwenti:

- Ġew provduti u tqassmu boroż mingħajr ħlas lir-residenti hekk kif bdiet titħaddem l-iskema;
- Ġew introdotti *bring-in sites* fl-Armier u fl-Għadira;
- Saret sistema ta' *CCTV* fejn il-*bring-in site* fi Triq Qasam Barrani;
- Ġiet iffinanzjata kampanja ta' pubbliċita` dwar is-separazzjoni għal żewġ Sjuf konsekuttivi fil-Bajja tal-Għadira; u
- Ingħata appoġġ finanzjarju f'attivitajiet organizzati mill-Kunsill.

4.4.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jsiru kuntatti qabel ma' jiġi mġedded il-kuntratt, wara li jkollu kopja tat-test qabel il-21 ta' Jannar 2012.

### 4.5.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

4.5.2. Is-Sindku għarraf li l-*Contracts Manager* issottometta l-applikazzjoni lill-MEPA li tinvolvi l-annessjoni tal-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv eżistenti mal-proprjeta` tal-Mellieħa Sports Club, skont kif stipulat fl-istess konvenju. Saret referenza għal ittra datata 23 ta' Novembru 2011, fejn intqal li bħala parti mill-proċess tal-i*screening* li qed isir skont *Tracking No.* 145488, ġew indentifikati l-irregolaritajiet kollha li għandu l-bini. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li saret laqgħa fl-uffiċċju tal-MEPA, li attenda għaliha l-Perit J. Attard flimkien miegħu dwar xi aspetti li kien jeħtieġu jiġu ċċarati.

4.5.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm dwar din il-materja.

### 4.6.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Ewrieħ (P/4/14)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Novembru 2011, mibgħuta mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li nħareġ il-permess PA 4121/10 sabiex ikun jista' jsir it-titjib meħtieġ li jinvolvi t-tneħħija taċ-ċint, bdil ta' bandli u pavimentar u tisbiħ tas-*soft areas*.

4.6.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni illi jeħtieġ li ssir stima qabel tkun tista' issir sejħa għall-offerti biex jitwettaq ix-xogħol meħtieġ. Is-Sindku għarraf li l-Perit J. Attard kien qed iħejji dokument tal-offerta.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Introduzzjoni ta' arrangamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV) (T/5/1/Vol II)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 16 ta' Novembru 2011 mibgħuta minn Transport Malta dwar ir-reazzjoni tal-istess awtorita` dwar il-proposti li għamel il-Kunsill fuq l-iskema għat-traffiku. Is-Sur R. Cutajar ikkummenta li jidher illi l-opinjonijiet espressi fl-ittra msemmija huma bbażati fuq numru ta' ineżattezzi u kontradizzjonijiet. Fosthom intqal li bl-introduzzjoni ta' *one-way* fi Triq Ġnien Ingraw u t-toroq ewlenin, it-traffiku ser jiġi spusstjat għal Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ eċċ, meta. B'dan il-mod, Triq Qasam Barrani ma ġietx ikkunsidrata. Jidher ukoll li l-aspett tat-tniġġiż tal-arja tħolla barra għal kollox, filwaqt li ma saret ebda referenza għas-*survey* li kkummissjona l-Kunsill dwar it-traffiku, jew għall-kontro-protest ġudizzarjarju ppreżentat fil-Qorti mill-Kunsill Lokali u residenti oħra biex jiġi rtirat isimhom mill-protest ġudizzjarju oriġinali. Anqas l-posizzjoni ta' Arriva Malta Ltd, skont kif ikkwotata fit-tweġiba ta' Transport Malta, ma kienet waħda aġġornata, Dan minkejja li l-Kunsill kien diġa wasal fi ftehim mal-istess kumpanija. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li l-Malta Hotels & Restaurants Association qablet li l-proposta tal-Kunsill għandha tiġi ntrodotta għall-perjodu ta' erba' xhur. Għalhekk jeħtieġ li ssir laqgħa mal-uffiċjali involuti fid-deċiżjoni tat-Transport Malta sabiex jiġu ċċarati l-punti mqajma.

4.7.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk il-laqgħa ma' Transport Malta hijiex ser issir wara konsultazzjoni u diskussjoni fil-Kunsill dwar il-kontenut tat-tweġiba fl-ittra tas-16 ta' Novembru 2011.

4.7.4. Is-Sindku wieġeb illi d-deċiżjoni li l-arranġamenti proposti jiġu ntrodotti bi prova għal perjodu ta' erba' xhur, diġa ttieħdet wara diskussjoni twila fi ħdan il-Kunsill u b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati. L-andament ta' dan l-eżerċizzju kien

ikkaratterizzat b'diverġenza ta' opinjonijiet u għalhekk mhux lest li jmur quddiem Transport Malta b'qasma fl-idejat fid-dawl tar-riżoluzzjoni mgħoddija mill-Kunsill wara li ttieħed vot fis-Seduta Nru. 56. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa għadda t-tweġiba li ngħatat minn Transport Malta lill-konsulenti appuntati mill-Kunsill – ADI Consultants - sabiex jagħmlu studju dwar il-maniġġ tat-traffiku fit-toroq ewlenin. Min-naħa tagħhom, dawn ipproponew abbozz ta' tweġiba teknika li għandha tingħata lill-Awtorita`. Din għandha tkompli ssaħħaħ l-argumenti mqajjma mill-Kunsill. It-tweġiba lill-Transport Malta nqrat waqt is-seduta. Is-Sindku fakkar li xi ġimgħat ilu kien hemm numru ta' inċidenti fit-triq imsemmija u fil-fatt anke korriet persuna.

### 4.8.1. Memo 7/2010 - Skema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet (A/6/7/2/Vol II)(F/1/7/Vol III)

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Novembru 2011, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsill ġie mistieden jattendi preżentazzjoni tal-ittra dwar fondi allokati taħt l-iskema msemmija fid-9 ta' Diċembru 2011. Huwa fakkar li l-Kunsill kien ressaq applikazzjoni sabiex titjieb l-aċċessibilita` għax-xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq il-Kappillan Magri, kantuniera ma' Triq il-Madonna tal-Għar, skont il-permess tal-MEPA - PA 2964/09.

4.8.3. Kien hemm qbil li l-Kunsillier H. Fenech għandu jattendi għal din l-preżentazzjoni.

### 4.9.1. Tmexxija tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/3)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 4 ta' Diċembru 2011, mibgħuta mill-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina, fejn qed jiġi propost li l-Kunsill jgħaddilhom it-tmexxija tal-proprjeta` msemmija. Is-Sindku qal li l-għaqda beħsiebha wkoll tagħmel wirja permanenti dwar għodod antiki li kienu jintużaw fil-piroteknika.

4.10. Il-Kunsill qabel li l-proprjeta` in kwistjoni tintuża għall-iskop imsemmi, sakemm isir ftehim bil-kitba, wara li jinkiseb il-permess tat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, kif sar ma' għaqdiet oħra Melleħin.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 6 ta' Diċembru 2011.

5.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi wara li tlesta x-xogħol fuq il-belvedere ta' Triq Monsinjur Indri Fenech **(Ref: T/3/4),** saret sejħa biex jinġiebu stimi rigward it-tqegħid ta' puġġaman tal-ħadid mal-ġenb tal-istess triq. Kopja tal-iskeda tal-istimi sottomessi ġiet mgħoddija lill-kunsillieri qabel is-seduta, u kopja tagħha qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

5.4. Il-Kunsill iddeċieda li jmur għall-inqas stima, dik sottomessa minn JMS Art Metal Craft Ltd, ta' 31-32, Crafts Village, Ta' Qali bil-prezz ta' €2,457.49.

5.5. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn l-14 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru 2011.

6.3. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn il-15 ta' Ottubru u l-25 ta' Novembru 2011.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Abbozz ta' ftehim dwar it-tmexxija tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/Vol II)

7.2. Is-Sindku għarraf li s-sitt applikazzjonijiet li tressqu quddiem il-MEPA dwar il-proġett tal-heritage trail ġew ipproċessati kollha. Il-*Contract Manager* inkarigat mill-proġett qed iħejji d-dokument tal-offerta biex issir sejħa matul ix-xahar ta' Diċembru 2011, filwaqt li tagħlaq f'Jannar 2012.

7.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li d-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` iffissa l-kera fuq il-beni kollha devoluti għas-somma annwali ta' €1,100. Huwa kkummenta li oriġinarjament din kienet ferm għola, iżda tnaqqset wara li ġie spjegat illi dawn ser

jintużaw għall-promozzjoni tal-patrimonju storiku u mhux għal skopijiet kummerċjali. Huwa kompla jgħid li l-kundizzjonijiet fil-ftehim dwar l-iffinanzjar tal-proġett taħt il-Programm għall-Iżvilupp Rurali għall-Malta 2007-2013, hemm stipulat li fl-ewwel ħames snin mit-twettieq tal-proġett ma jistax jiġi ġġenerat qligħ.

7.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-Fundazzjoni ARKEO kienet għaddiet abbozz tal-ftehim dwar it-tmexxija tal-*heritage trail*, liema ftehim ġie mqassam lill-Kunsillieri kollha waqt is-seduta. Preżenti għas-seduta kien hemm is-Sinjuri Ernest Vella u Kenneth Fenech. Is-Sindku ssusspenda s-seduta sabiex isiru nterventi mis-sinjuri msemmija.

7.5. Is-Sur E. Vella qal li dan il-proġett jogħla fl-istatura tiegħu jekk jiġi dikjarat bħala park biex ikun jista' jingħata l-għola livell ta' protezzjoni possibbli, fuq l-istess livell tal-Park tal-Majjistral. Is-Sindku wieġeb li sabiex isir hekk jeħtieġ li jiġi ppubblikat avviż legali mill-Ministru responsabbli mill-ambjent.

7.6. Is-Sur K. Fenech irrefera għall-klawsola 18 fl-abbozz tal-ftehim li tgħid illi l-kera dovut lid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Proprjeta` għandu jitħallas mill-Kunsill.

7.7. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li sakemm ikun ser jiġi ġġenerat dħul mill-Fundazzjoni ARKEO, il-kera m'għandiex titħallas mill-Kunsill. Huwa rrefera wkoll għall-klawsola 20 (d) u ppropona li minħabba li x-xogħlijiet u t-transazzjonijiet kollha fuq il-proġett jridu jintemmu kollha sa Diċembru 2013, it-terminu tal-ewwel kuntratt għandu jkun għal perjodu ta' ħames snin, bejn l-1 ta' Jannar 2014 u Diċembru 2019.

7.8. Wara li reġgħet bdiet is-seduta, il-Kunsill qabel li fl-ewwel ħames snin mit-tlestija tal-proġett, il-kera għandha titħallas mill-Kunsill. Sussegwentement, l-Fundazzjoni ARKEO tkun trid tgħaddi l-ammont dovut bħala kera lill-Kunsill. Kien hemm qbil ukoll li l-ftehim kif emendat għandu jiġi mgħoddi lill-konsulent legali tiegħu, kif ukoll jinkiseb il-permess mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, kif sar ma' għaqdiet oħra Melleħin.

## 8.1. Sejħa għall-offerti 4/2011- Installazzjoni tal-Elettriku u Dwal fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)

8.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-periti fdati b'dan il-proġett – M.P. & D.C. Ltd - talbu l-opinjoni tal-Inġinier SB Lighting Concepts, li permezz ta' rapport datat 22 ta' Novembru 2011 ikkummentaw li:

- L-offerta ta' Mica Med Ltd hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet mitluba fid-dokument tal-offerta, fis-sens li jilħqu l-intensita` ta' dawl mitluba, mingħajr ma jaqbżu l-limitu massimu tal-konsum stabbilit;
- L-prezz finali mitlub jaqbeż €57,000 dak stmat. Dan huwa dovut għall-fatt illi l-prezz tal-*cable* għola u kkontribwixx għal żieda ta' €5,000 bejn l-offerta u l-istima;
- L-offerent ikkwota fuq tagħmir ta' kwalita` għolja ħafna, liema fattur ikkontribwixxa għat-€30,000 differenza fil-prezz tal-*fittings.*

8.3. Is-Sindku għarraf ukoll li saret laqgħa mal-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg minn M.P. & D.C. Ltd, flimkien mal-Kunsillieri J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, fejn kien hemm qbil li l-offerent għadu jirrevedi l-prezzijiet minħabba d-diverġenza li hemm fir-rati stmati mill-Inġinier.

8.4. Is-Segretarju aċċenna wkoll li saru rappreżentazzjonijiet mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-possibilta` li jsir negozjar tal-prezzijiet mogħtija mill-offerent, bil-għan li dawn jitnaqqsu mingħajr ma jikkompromettu l-kwalita` tat-tagħmir ikkwotat. Permezz ta' *e-mail* datat 22 ta' Novembru 2011, id-Dipartiment wieġieb li ma jsibx oġġezzjoni illi l-Kunsill jiddiskuti tnaqqis fil-prezzijiet mingħajr ma jaffettwa l-kwalita`.

8.5. Is-Sindku għarraf ukoll li l-offerent ittieħed fuq il-post biex jifhem aħjar x'inhu mistenni minnu. Hawnhekk huwa ġie mistoqsi dwar xi tkun il-possizzjoni tiegħu, f'każ li jintalab jissupplixxi t-tagħmir meħtieġ għall-installazzjoni tal-elettriku fid-*dressing rooms* kemm-il darba x-xogħol jiġi mwettaq mit-Taqsima tax-Xogħlijiet. Mica Med Ltd għamlu żewġ proposti kif ġej:

| | Proposta A | Proposta B |
|---|---|---|
| Għamla tal-Riflettur – IPP66 (Item 3.2) | WE-EF (ikkwotati fl-offerta oriġinali) | Feal Luce |
| Qawwa meħtiega biex tintlaħaq l-insita` ta' dawl mitluba | 8,000 watt | 8,400 watt |
| Numru ta' *brackets* meħtieġa għar-rifletturi | 6 bil-€175-il waħda | 12 bil-€175-il waħda |
| Garanzija | Skont kif speċifikat fl-offerta | Sentejn |
| Manutenzjoni | Magħmulin minn *Marine grade die-cast aluminium*. Jinfetħu permezz ta' *clips* tal-i*stainless steel*. Ir-rifletturi jeħlu f'posizzjoni orizzontali u b'hekk jeliminaw tniġġiż tal-madwar permezz tad-dwal. Minħabba din ir-raġuni jeħtieġu inqas manutenzjoni. | Jinfetħu bil-viti u jirrikjedu iktar manutenzjoni. |
| Skont fuq il-prezz tar-Rifletturi – Item 3.2 | Xejn | Il-prezz tar-rifletturi jiġi skontat b'€4,700 għal €10,400 |
| Tnaqqis tal-ispiża marbuta max-xogħol fuq l-installazzjoni tal-elettriku fid-*dressing rooms* | €2,000 | €2,000 |
| Skont fuq il-Pakkett kollu | €3,500 | €3,500 |
| Prezz fl-offerta oriġinali | €144,678.80 | |
| **Prezz Finali** | **€139,178.80** | **€134,478.80** |

8.6. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saret laqgħa bejn l-offerent, il-Perit Stephen Farrugia u s-Sur Albert Borg ta' M.P. & D.C. Ltd, flimkien miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv. Kien spjegat minn Mica Med Ltd illi filwaqt li r-rifletturi tal-għamla WE-EF huma għola fil-prezz mill-Feal Luce, l-effiċjenza tal-ewwel wieħed hija sinifikanti għaliex jilħqu l-intensita` ta' dawl mitluba b'400 watt inqas, liema differenza jkollha impatt fuq il-konsum. L-offerent għamel kalkolu li jiġu ffrankati 730kWh fis-sena jekk wieħed jassumi li r-rifletturi jintużaw ħames siegħat fuq 365 jum. Fl-istess laqgħa, kien hemm qbil, kemm min-naħa tal-Kunsill, kif ukoll mill-perit li bl-iskont ta' €2,000 mogħti fuq ix-xogħol relatat mal-installazzjoni fid-*dressing rooms,* ikun iktar vijabbli li dan isir mill-offerent stess għaliex id-differenza mhix daqshekk sinifikanti, filwaqt li jiġu evitati problemi dwar kontroll fuq il-kwantita` ta' materjal użat. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil min-naħa tal-offerent li għandu jagħti skont fuq il-pakkett kollu ta' €4,000. Il-proposta rriżultat fil-prezzijiet kif jidher hawn taħt:

| | Proposta A | Proposta B |
|---|---|---|
| Għamla tal-Riflettur – IPP66 (Item 3.2) | WE-EF | Feal Luce |
| **Prezz Finali** | **€140,678.80** | **€135,978.80** |

8.7. Il-Kunsill kien tal-fehma li għalkemm il-proposta A (oriġinali) hija għola, din hija ġustifikata mill-kwalita` u l-effiċjenza, li finalment tfisser inqas spejjeż fuq manutenzjoni u konsum. Għadaqstant kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent.

9.1. Sejħiet għall-offerti dwar:

**(a)** ***Road Resurfacing* u Servizzi Ančillari;**

**(b)** **Servizz ta'** ***Contract Management*** **relatat ma'** ***Road Resurfacing*;**

**(c)** **Provista ta' Konkos;**

**(d)** **Provista ta'** ***Hot*** **u** ***Cold Asphalt; u*.**

**(e)** **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi**
**(T/4/13/Vol VIII)(K/6/5/3/Vol II)(L/3/Vol II)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li l-kuntratti msemmija hawn fuq skadew u jeħtieġ li ssir sejħa għall-offerti. Huwa spjega li l-kuntratt dwar ir-*Road Resurfacing* u Servizzi Ančillari attwalment mhux qed jiġi wtilizzat, billi x-xogħol li qed isir jinvolvi l-kuntratt tal-*public private partnership*. Fil-preżent qed jingħata servizz permezz tal-kuntratt tal-*Contract Management* relatat mar-*Road Resurfacing* in konnessjoni max-xogħlijiet fuq ir-*resurfacing* ta' Triq l-Armier, liema xogħol għadu ma ġiex konkluż. Is-Sur C. Debono spjega wkoll li l-kuntratti (c) u (d) jiġu wtilizzati minn żmien għal żmien għall-provista ta' materjal in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u bankini. Fir-rigward tal-kuntratt tal-latrini pubbliċi, saret referenza għal ittra datata 25 ta' Novembru 2011 fejn id-Dipartiment għat-Tindif u Manutenzjoni talab lill-Kunsill sabiex joħroġ sejħa għall-offerti mill-iktar fis possibbli peress li s-servizz attwali ser jitwaqqaf fil-31 ta' Jannar 2012. Is-Segretarju aċċenna li dan kien wieħed mill-kuntratti oriġinali li saru mad-dipartimenti tal-Gvern meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali fl-1994.

9.3. Il-Kunsill qabel mal-ħruġ tas-sejħiet b'mod gradwali sabiex ma jaħbtux ma' kuntratti aktar urġenti bħal dawk marbuta mal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ u l-manutenzjoni meħtieġa fi Ġnien il-Qigħan u Ġnien Dun Anton Debono.

## 10.1. Tħejjijiet għal Milied Mellieħi 2011 (A/5/3/6/Vol III)

10.2. Is-Sindku rrefera għas-sejħa għall-istimi li saret sabiex jingħata servizz tal-audio tul l-attivitajiet ta' Milied Mellieħi bejn is-17 u l-24 ta' Diċembru 2011. Skeda tal-istimi kollha li ntefgħu ġiet mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li ttieħed parir dwarhom mingħand persuna nvoluta fil-qasam mużikali li rrakkomanda illi x-xogħol jingħata lill-Sound System Co. Ltd b' €3,593.10, minkejja li jipparaguna tajjeb ma' dak offrut minn Digital Magic Co. Ltd b'€2,914.60. Dan peress li Sound Systems hija l-aktar ditta li għandha esperjenza, partikularment f'dak li jirrigwarda servizzi mogħtija lill-*bands* u kantanti barranin li jinġiebu Malta. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ *purchase order* lill-Sound Systems Co. Ltd.

10.3. Saret referenza għall-minuta 10.3 tas-seduta preċedenti, dwar il-kiri tal-kostumi għall-karattri ta' Disney li jeħtieġ jinkrew disa' minnhom bi spiża totali ta' €500. Kien propost li titqabbad persuna sabiex jinkitbu numru ta' artikolu f'diversi ġurnali u perjodiċi bil-għan li Milied Mellieħi jingħata aktar pubbliċita`. Dan is-servizz jinvolvi spiża €200.

10.4. Ġie spjegat li kif sar f'edizzjonijiet preċedenti, ser ikun hemm l-attrazzjoni tat-*trackless train*, illi din id-darba ser ikollha l-funzjoni ta' *park-and-ride* qrib il-*interchange* tal-karozzi tal-linja fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Dan is-servizz ser jitħaddem waqt il-kunċert tal-Pink Floydish u ser jagħmel tajjeb għalih kull min jagħmel użu minnu.

10.5. Billi il-Malta Scout Association ser tkun qed tiċċelebra anniversaru importanti, diversi gruppi tal-i*Scouts* ser jipparteċipaw f'*District Church Parade* li tibda minn fejn l-Uffiċċju tal-Kunsill u tintemm b'Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru. Din ser tiġi trasmessa permezz tal-internet, flimkien mal-attivitajiet kollha li jkunu għaddejjin taħt it-tinda bejn is-17 u l-24 ta' Diċembru.

10.6. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li, kif kien il-każ fl-Iljieli Melleħin 2011, jeħtieġ li jinkera palk li jieħu kunċerti kbar. Huwa qal li l-ispiża fuqu m'għandiex taqbeż €1,000.

10.7. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li sar sforz sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż billi jinstabu *sponsors* b'risq l-attivita`. Sad-data tas-seduta dawn kienu kif jidher hawn taħt:

| *Sponsor* | **Kontribut** |
|---|---|
| Melita Cable | €400, servizz tal-internet u riklami |
| Bawag Bank | €1,000 |
| Malta International Airport | €500 |
| General Soft Drinks Co. Ltd | Xarbiet għall-attivitajiet tat-tfal u l-anzjani u *gazebos* |
| Splash & Fun Co. Ltd | Stampar tal-programm |
| Stylish Bathrooms | *Billboards* f'diversi lokalitajiet |
| Central Asphalt Ltd | €500 |
| Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu | €10,000 mill-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012 |

10.8. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa aktar 'il fuq.

10.9. Is-Sindku aċċenna li l-attivitajiet konnessi ma' Milied Mellieħi 2011 ma jkunux finanzjarjament possibbli mingħajr l-involviment ta' numru ta' voluntiera li jagħtu sehemhom mingħajr ħlas. Bħala rikonoxximent huwa ppropona li ssir ikla għalihom f'dawn il-jiem ta' fest.

10.10. Il-proposta ġiet approvata sakemm l-ispiża nvoluta tkun fil-parametri stabbili fil-Memos 122/2010 u 8/2011 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 11.1. Estimi għas-Sena Finanzjarja 2012 (F/1/23)

11.2. Is-Segretarju rrefera għall-abbozz tal-Estimi 2012 li tqassmu lil kull kunsillier qabel is-seduta. Kopja tal-istess estimi qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

11.3. Is-Sindku aċċenna għall-vot 3380 dwar is-Servizzi Komunitarji u ppropona li taħt l-istess vot għandha titwarrab is-somma ta' €4,000 sabiex jintużaw għal titjib meħtieġ li jsir fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja.

11.4. Il-Kunsill approva l-estimi u qabel li l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita` għandha ssir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2011 fis-7.00pm, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

## 12.1. Proġett tat-TEN-T fi Triq il-Marfa (T/3/3/Vol III)

12.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-istat ħażin li sfat fiħ Triq Ta' Msid billi ma tiflaħx il-volum kbir tat-traffiku li qed tieħu, kif ukoll wara xita qawwija li għamlet fl-aħħar jiem. Fid-dawl tal-fatt li l-istess triq qed tintuża sakemm għaddej ix-xogħol fuq Triq il-Marfa, huwa staqsa għaliex Transport Malta ma għamlitx *resurfacing* matulha kollu.

12.3. Is-Sindku wieġeb li mhux f'posizzjoni li jwieġeb din id-domanda, iżda aċċenna għall-fatt illi Transport Malta tat wiċċ temporanju fi Triq l-Armier u ser tagħmlu permanent fil-parti bejn Triq il-Marfa u Triq Ta' Msid. Din il-parti oriġinarjament kellha ssir mill-Kunsill bħala parti mill-kuntratt tal-*public private partnership*.

12.4. Is-Segretarju għarraf illi wara l-maltemp tat-29 ta' Novembru 2011, Transport Malta taw wiċċ ġdid fil-parti t'isfel fi Triq Ta' Msid.

## 13.1. Proġett kulturali b'imsieħba minn Sqallija (P/10/14)

13.2. Is-Sindku aċċenna għal ftehim li kien ġie ffirmat fl-2009 bejn tliet Kunsilli Lokali Sqallin fiż-żona tal-Val di Noto, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa, Ħad-Dingli u l-Birgu. Is-Sur R. Cutajar qal li permezz tal-ftehim li ntlaħaq hemm l-intenzjoni li jsir *compactor* għall-faxxina ġġenerata bit-tkabbir ta' prodotti tar-raba mill-bdiewa. Dan il-faċilita` tirrikjedi kamra ta' 4 metri b'4metri u tippermetti li l-bdiewa jiddisponu mill-faxxina

mingħajr ma din tinħaraq b'dannu għall-ambjent. L-inizjattiva ser tittieħed flimkien ma' WasteServ Malta Ltd.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. Symposium Internazzjonali dwar il-Piroteknika (K/12)

14.2. Is-Sindku R. Cutajar għarraf li għaddejjin kuntatti mal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu sabiex il-Mellieħa tospita` wirja ta' logħob tan-nar bħala parti mill-attivitajiet b'rabta mas-Sympium Internazzjonali dwar il-Piroteknika li ser isir f'Malta bejn it-22 u s-27 ta' April 2012. L-attivita` fil-Mellieħa ser issir fil-25 ta' April 2012, fejn id-delegati jistgħu jiġu akkomodati fi Ġnien il-Qigħan. Huwa ppropona li f'dan il-post jista' jinħoloq ambjent ta' festa tradizzjonali Maltija.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jagħti l-kontribut tiegħu fis-symposium imsemmi għaliex dan jissarraf f'pubbliċita` għall-Mellieħa.

## 15.1. Titjib fit-triq fl-inħawi tal-Wied Tal-Ħanżira (P/10/5)

15.2. Il-Sindku għarraf lill-Kunsill illi tressqet espressjoni ta' interess għall-għajnuna taħt il-Miżura 125 permezz tal-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007-2013 LEADER. Dan il-fond huwa mmirat lejn infrastruttura relatata mal-iżvilupp u l-addattament tal-agrikoltura. Fil-kuntest tal-Kunsilli Lokali dan is-sors jista' jiġi wtilizzat sabiex jissewwew toroq rurali wżati mill-bdiewa. Dawn it-talbiet qed jiġu kordinati mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral u jinvolvu t-toroq segwenti:

- Triq fl-inħawi Tal-Ħofra aċċessibbli minn Triq Tal-Prajjet;
- Triq aċċessibbli mit-Triq Ta' Msid;
- Triq aċċessibbli minn Triq Ta' Wied Musa;
- Triq aċċessibbli minn Triq iċ-Ċirkewwa;
- Triq aċċessibbli minn Triq Daħlet ix-Xmajjar; u
- Triq fl-inħawi Ta' Skrajda aċċessibbli minn Triq il-Marfa.

15.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li t-triq użata mill-bdiewa fl-inħawi tal-Wied Tal-Ħanżira ġratilha ħafna ħsara bix-xita u għalhekk jeħtieġ li titwitta u f'ċerti partijiet tingħata l-konkos.

15.4. Is-Sindku qal li l-kawża ewlenija għall-ħsara li għandha din it-triq ġiet irriżultat wara x-xogħlijiet li saru in konnessjoni mal-katusi tad-drenaġġ li tqiegħdu xi snin ilu. Huwa qal li din il-kwistjoni tqajjmet mal-kuntrattur tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, iżda dan qed jallega li qabel tqiegħdu l-katusi tad-drenaġġ, it-triq kienet fl-istess stat. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa kien f'kuntatt kontinwu ma' uħud mir-residenti, u anke saret laqgħa magħhom fuq il-post.

15.5. Wara aktar diskussjoni l-Kunsill qabel għandha tinkiseb stima dwar l-ispiża nvoluta bil-għan li jkunu jisgħu jsiru t-tiswijiet meħtieġa.

## 16.1. Puġġaman fit-taraġ ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/4)

16.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna għall-puġġaman li twaħħal fil-parti ta' fuq biss ma' ġenb wieħed tat-triq imsemmija sal-kantuniera ma' Triq Santa Marija. Huwa staqsa dwar jekk dan huwiex ser jitkompla, kif kien ippjanat oriġinarjament.

16.3. Is-Sindku wieġeb li dan twaħħal proviżorjament minħabba residenta li għandha problemi ta' mobilita`.

16.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob lill-*Contracts Manager* ifassal *bill of quantities* u stima sabiex tkun tista' ssir sejħa għall-istimi jew għall-offerti, skont il-każ.

## 17.1. Tħaddim tas-Sistema dwar l-Infurzar Lokali tal-Liġijiet (W/3/Vol III)

17.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf li l-Kumitat Reġonali issa daħal sewwa fit-tħaddim tas-sistema msemmija, filwaqt li sar ċertu tibdil, hekk li l-ħlasijiet kollha relatati mas-servizzi normali tal-Gwardjani Lokali u l-Green Wardens qed isiru minnu. L-iskeda tal-Green Wardens qed tiġi mfassla mill-istess Kumitat, filwaqt li qed tiġi osservata l-iskeda tal-ħinijiet mgħoddija mill-Kunsill minn xahar għal xahar.

17.3. Is-Segretarju għarraf li b'effett minn Settembru 2011, bdiet titħaddem sistema, fejn il-Kunsilli jżommu 10% mill-ħlas taċ-ċitazzjonijiet li jiġu aċċettati ta' lokalitajiet oħra.

17.4. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija.

### 18.1. Ġimgħa dedikata lill-Persuni b'Diżabilita` (P/8/1/Vol II)

18.2. Il-Kunsillier H. Fenech fl-okkażjoni msemmija saret attivita` għall-persuni b'diżabilita` fid-9 ta' Diċembru 2011, fis-Sala Parrokkjali tal-Manikata. Huwa qal li din kienet tikkonsisti fl-bl-involviment ta' dawk kollha preżenti.

18.3. Il-Kunsill innota din l-iniżjattiva.

### 19.1. *Bus stop* fi Triq il-Kbira (T/5/1/Vol II)

19.2. Saret referenza għall-*bus stop* li twaħħal fi Triq il-Kbira qrib il-kantuniera ma' Triq Snajjin, hekk kif beda s-servizz tal-karozzi tal-linja mħaddem minn Arriva Malta Ltd. Intqal li dan qed jikkawża nkonvenjent għal min ikun jistenna fuqu peress li m'hemmx fejn wieħed jistkenn mill-elementi, filwaqt li l-bankina hija dejqa.

19.3. Is-Sindku wieġeb li dan il-*bus stop* kellu jitneħħa peress li jinsab qrib dak li hemm bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna. Is-Sur R. Cutajar qal li ma jafx x'inhi r-raġuni għaliex twaħħal fil-post indikat u għalhekk ser jagħmel il-kuntatti meħtieġa biex dan jitneħħa.

### 20.1. Proġett ta' Ħal Ferħ f'Għajn Tuffieħa (P/5/1/Vol III)

20.2. Is-Sindku rrefera għal laqgħa li saret fit-2 ta' Diċembru 2011 fis-Sala tal-Iskola, bil-għan li ssir konsultazzjoni pubblika mill-MEPA dwar l-applikazzjoni PA 4906/10 li tinvolvi t-twaqqiegħ tal-kumpless turistiku Ħal Ferħ u l-bini ta' ieħor ġdid skont il-*brief* approvat fl-istess art f'Għajn Tuffieħa.

20.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ntervjena fil-laqgħa msemmija, fejn ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' parkeġġ adekwat għar-residenti tal-kumpless propost, dawk tal-lukanda Golden Sands u l-pubbliku li jiffrekwenta r-Ramla tal-Mixquqa. Irriżulta li hemm l-intenzjoni illi tittieħed parti mill-area tal-i*Scouts* sabiex tintuża bħala parkeġġ, kif ukoll ikun hemm spażju ieħor fuq ġewwa tal-kumpless propost. Billi Triq in-Naħħalija ser tingħalaq min-naħa ta' Triq Għajn Tuffieħa, inġibdet l-attenzjoni li t-triq parallela magħha tiġi mtejba.

20.4. Il-Kunsill innota u approva l-interventi li saru mis-Sindku.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 3 ta' Jannar 2012, fis-7.00pm.

| | |
|---|---|
| Robert Cutajar | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |